# Il-Wieħed u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Int tħenn għal kulħadd għax tħobb il-ħlejjaq kollha.*

Għerf 11, 22 – 12, 2

**Qari mill-Ktieb tal-Għerf**

11, 22 Mulej, quddiemek id-dinja kollha qisha traba fil-miżien,
jew qatra nida tal-għodwa li tinżel fuq l-art.

23 Iżda int tħenn għal kulħadd, għax tista' kollox;
int tagħlaq għajnejk għal dnubiet il-bnedmin
biex huma jindmu.

24 Għax int tħobb il-ħlejjaq kollha,
u xejn ma tistmell minn kulma għamilt;
li kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha, int ma kontx tagħmilha.

25 Kif setgħet tibqa' xi ħaġa fid-dinja kieku int ma ridthiex?
Jew kif setgħet iżżomm, kieku int ma sejjaħtilhiex?

26 Imma int, o Sid li tħobb kulma jgħix,
lil kulħadd tagħder, għax kollox huwa tiegħek.
12, 1 Għax f'kulħadd hemm nifsek bla ma qatt jintemm.

2 Għalhekk int twiddeb bil-ftit il-ftit lil dawk li jonqsu,
twissihom u tfakkarhom fejn dinbu,
biex jerġgħu lura mill-ħażen tagħhom,
u fik, Mulej, iqiegħdu t-tama tagħhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 144 (145), 1-2.8-9.10-11. 13ċd-14

R/. (1) Mulej, inbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.

1 Ħa nkabbrek, Alla tiegħi, sultan,
u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.
2 Kuljum irrid inbierkek,
u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem. R/.

8 Twajjeb u ħanin il-Mulej,
idum biex jagħdab u kollu tjieba.
9 Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej,
tjubitu fuq kulma għamel. R/.

10 Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej;
iberkuk il-ħbieb tiegħek kollha.
11 Is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu. R/.

13 Ta' kelmtu l-Mulej fil-wegħdiet tiegħu kollha,
twajjeb f'dak kollu li għamel.
14 Iwieżen il-Mulej 'il kull min se jaqa',
iqajjem 'il kull min hu mitluq. R/.





## Qari II

*L-isem ta' Sidna Ġesù Kristu jkun igglorifikat fikom, u intom fih.*

2 Tess 1, 11 – 2, 2

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonikin**

Ħuti, 11 aħna dejjem nitolbu għalikom li Alla tagħna jagħmilkom denji
tas-sejħa tiegħu, u jagħmel li bil-qawwa tiegħu sseħħ kull rieda tajba
tagħkom għall-ġid u kull ħidma tal-fidi tagħkom. 12 U hekk l-isem ta'
Sidna Ġesù Kristu jkun igglorifikat fikom u intom fih skont il-grazzja
ta' Alla tagħna u tal-Mulej Ġesù Kristu.

2,1 Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu
u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, 2 nitolbukom biex ma
toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta'
jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-ispirtu u lanqas
jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi mingħandna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 3, 16

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni,
biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf.***

Lq 19, 1-10

## Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, [1]Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. [2]Mela
jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet
tal-pubblikani, u kien għani. [3]Kellu xewqa li jara min kien Ġesù,
imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir. [4]Għalhekk mar
jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik
in-naħa kien se jgħaddi.

[5]Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: «Żakkew, isa, inżel minn
hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek.» [6]Dak niżel bla telf
ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu. [7]In-nies, meta rawh, ilkoll
bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal
jistrieħ.

[8]Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: «Ara, Mulej, nofs ġidi se
nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd irroddlu għal erba'
darbiet iżjed.»

[9]Qallu Ġesù: «F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan
ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. [10]Għax Bin il-bniedem ġie jfittex
u jsalva l-mitluf.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu